**Kunsill Lokali Safi,**
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa u tletin (39) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2009, fis-6:00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jimmy Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana. |

1. Is-Sindku **ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Id-DSE qara l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn sarulhom il-korrezzjonijiet, ġew approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Dwar iż-żjara fostna tal-**Grand Prior of the Maltese Islands, Chev Meli Attard, Military and Hospitalier Order of St Lazarus of Jerusalem - Malta** intqal illi l-Kunsill għandu jikkunsidra l-proposta tagħhom li jesponi l-logo ta' din l-għaqda fuq kull tabella li se titwaħħal ma kull sit storiku f'Ħal Safi jekk 'il quddiem jirriżulta illi dan se jkun ta' gwadann għar-raħal, bħalma nittamaw li se jkun.

4. Dwar il-festa intqal illi jekk il-Kunsill jibqa' jittollera individwi/għaqdiet illi biex inaddfu l-**imwejjed li jkunu ħarġu barra** biex jikkrejaw il-kummerċ bil-permess tal-Kunsill, jixħtu dak kollu li jkun hemm fuqhom ma l-art, allura jkun qed jagħti appoġġ lil dan l-aġir intolleranti.

5. Il-**manutenzjoni ta' bankina** li kienet proposta mis-Sindku fi Triq Ġawhar, saret filwaqt li l-ħaddiema tagħna għadhom ma kellhomx ċans jibdew dik li tinħtieġ aktar xogħol kif proposta mir-residenta Doris Damato.

6. Kien approvat il-ħlas ta' *overtime* li sar f'xogħol ta' knis addizzjonali biex jitnaddfu t-**toroq fil-jiem tal-festa** tal-kenniesa, is-Sinjuri Benny Baldachino u Pawlu Farrugia. Wara diversi konsiderazzjonijiet, il-KLĦS dehrlu li dawn għandhom ikunu mħallsa €200 kull wieħed għal tliet servizzi anke wkoll saħansitra il-Ħadd wara nofs in-nhar.

7. Dwar **nuqqas ta' dixxiplina fit-toroq tagħna**, intqal illi għandna niktbu mhux lill-Għassa Distrettwali taż-Żurrieq, iżda mill-ewwel lill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dan għaliex sfortunatament mhux qed insibu appoġġ mill-istess għassa taż-Żurrieq u issa jidher li l-każi imsemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti fil-ġnien ta' Triq il-Biedja huma aktar serji milli wieħed kien qed jaħseb li huma. Madankollu l-KLĦS ma jista jirrapporta xejn, għaliex m'għandu l-ebda prova. Dwar dan tkellmu kemm il-kunsillier Eddie Bonello kif ukoll id-Deputat Sindku li qalu li għandna nifthu

għajnejn l-awtoritajiet biex inwissuhom fejn għandhom jiffukaw l-attenzjoni tagħhom. Infatti jekk dawn ma jagħtuniex widen, għandna niktbu direttament lill-Kummissarju tal-Pulizija u/jew lill-Ministru ta' l-Intern.

8. Is-Sindku żamm lill-kunsillieri nfurmati illi x-xogħol tar-**restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp,** se jibda nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2009. L-uffiċċju se jżomm lir-resident li jgħammar f'dan il-post infurmat b'dan kollu wara li Dorianne Zammit ħadet ir-ritratti tan-niċċa u l-istatwa qabel ma bdew ix-xogħolijiet.

9. Il- KLĦS sab ta' min hu l-***hoarding wall*** **kif ukoll l-art tal-Maħruxa**, imsemmija fid-diversi seduti preċedenti. Id-DSE ikkalkula l-kejl tat-teħid ta' art mir-ritratti li kien ħa u l-ġranet, u kkalkulahom li jammontaw għal madwar €33,000. Sadanittant, il-kejl ittieħed minn surveyor fl-uffiċċju tal-Perit R Musumeci u qabel ma ngħaddu dan il-kont, be ħsiebna nerġgħu naħdmuh fuq il-qisien fattwali. Is-Sindku diġa' kien f'kuntatt mas-sid permezz tat-telefon u hekk kif jintbgħat uffiċjalment il-qies se nibgħatu l-kont b'posta reġistrata. Fid-diskursata li kellu, s-Sindku semma' li f'din il-kantuniera diġa' kien hemm inċident b'kollużjoni minkejja l-mera li tpoġġiet.

10. Dwar ix-xogħol ta' ***road marking***, intqal mill-Viċi Sindku illi issa wasal iż-żmien sabiex ma nibqgħux nagħmluha aktar għaliex il-ħaddiema tagħna ilhom minn Ġunju li għadda jiżbgħu it-toroq. Intant issemmiet it-triq mar-residenza tal-Perit Ninu Zammit għaliex fiha jidher li miż-żebgħa sewda reġgħet dehret (ħarġet) dik bajda. F'dan is-sit, linja bajda kienet miżbugħa biż-żebgħa sewda.

11. Minn sorsi mhux uffiċjali is-Sindku sar jaf li l-**Bank of Valletta se jisponsorja €230** biex issir mappa ta' Ħal Safi simili għal dik imwaħħla fi Triq iż-Żurrieq. Infatti se nivverifikaw min kien għamel din (jidher li xi ħadd l-Imrieħel) u se naraw jekk dak li konna ordnajna l-banner minn għandu jagħmilx ukoll dan it-tip ta' printing fuq perspex. Dwar fejn se titpoġġa din il-mappa kienu kkunsidrati l-inħawi viċin il-kunvent tas-Sorijiet kif ukoll post ieħor fil-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm suġġeriment li din titpoġġa fuq l-istess qafas li fuqu se jitwaqqaf notice board ieħor, minkejja li dan s-suġġeriment jista' jkabbar l-istruttura u din tkun ftit goffa. Intant se jsir ftit xogħod dwar x'se jkun indikat fuq il-mappa u dwar il-qisien tagħha.

12. Fis-7:05pm l-**Onor Dr Franco Debono LL.D**., kien milqugħ mill-KLĦS wara li saru arranġamenti permezz tat-telefon biex il-kunsillieri jkunu kollha nfurmati bl-intenzjoni tiegħu li jindirizzana. Hu qal li l-għan ta' din il-laqgħa magħna kien xprunat minn ideja ta' dak kollu li ġara fir-raħal ċkejken ta' San Lawrenz. Dan ir-raħal ħa l-inizjattiva biex ir-residenti kollha tiegħu li kienu mħajra jraħħsu il-kontijiet tad-dawl u l-ilma permezz ta' installazzjoni ta' ***solar water heater***, ikunu jistgħu jagħmlu dan bi prezz ridott b'20%. Dan ir-raħal ċkejken, kien wieħed pilota, u Dr Debono qal li huwa jqis li din l-inizjattiva wkoll għandha tkun ukoll varata fuq raħal pilota f'Malta. Mill-kostitwenza tiegħu, hu qal li Ħal Safi hu wieħed mill-aktar irħula żgħar ta' dawn l-inħawi. Hu qal li diġa' kkomunika ma' Dr Chris Said, u ħass li l-ewwel għandu jara jekk il-KLĦS jridx jissieħeb f'din l-iskema. Infatti huma t-tnejn tkellmu mhux biss minn fejn tista' tiġi l-għajnuna, iżda wkoll dwar proposta oħra li kienet imħabbra fil-baġit tal-Gvern Ċentrali illi persuni jixtru **rota bi prezz sussidjat** u jagħmlu wkoll użu minnha biex jonqsu l-emissjonijiet u awtomatikament inkunu qed nikkumbattu l-isfida tat-tibdil fil-klima li huwa wkoll suġġett internazzjonali. Dr

Debono qal li din il-laqgħa għandha sservi sabiex nesploraw il-possibilita' illi naħdmu flimkien f'dan il-kuntest ta' enerġija nadifa u fl-istess ħin nippruvaw nittappjaw fondi minn programmi u skemi nazzjonali u dawk ta' l-Unjoni Ewropeja għal ġid tar-raħal anke billi naraw x'sar ġewwa l-gżira Għawdxija li hija meqjusa bħala eko-villaġġ. Dwar sussidju mill-Gvern Ċentrali Eddie Bonello qal li f'dawk li huma pannelli li jiġġeneraw l-enerġija mix-xemx, inqabeż it-treshold u jidher li kien hemm min baqa' diżappuntat, madankollu Publius Abdilla qal illi jidher li l-akbar sussidju, lokalment hu bbażat meta xi ħadd japplika għall-arloġġ tad-dawl għall-ewwel darba f'post ġdid. Is-Sindku qal li hu personalment bħala proposta tgħoġbu ħafna pero' finanzjarjament il-KLĦS ma jistax iġorr piżijiet sakemm ikun riżolt il-każ ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv peress li għad fadal ħafna flus x'jidħlu lura fil-kotba tal-Kunsill. Id-DSE qal li jista' jkun li l-iskema li bbenefikaw minnha r-raħal ta' San Lawrenz kienet imsejsa fuq applikazzjoni lokali li kien inawgura Dr Said innifsu bl-isem *Lokalitajiet Sostenibbli* fejn kien hemm erba' rħula li bbenefikaw minnha fosthom dak ta' San Lawrenz. Madankollu se jsir kuntatt ma' dan il-Kunsill sabiex nitgħallmu mill-esperjenza tagħhom.

13. Fis-7:25pm il-KLĦS reġa' ssokta bl-agenda tiegħu fejn is-Sindku qal li se jieħu f'idejh l-appuntament mas-**Sur Dalmas Malta International Airport** biex niltaqgħu miegħu fil-preżenza tal-Perit Musumeci.

14. Dwar il-każ ta' tiswija ta' **alarm li daqq inċidentalment fil-librerija pubblika** u li dwaru bagħtu l-kont Masco Security, minkejja li qiegħed imniżżel fuq il-*Payment Approval Sheets* li kienu ppreżentati fi tmiem il-laqgħa, intqal li l-Kap ta' l-Iskola kellmet lis-Sindku u din qaltlu li ġaladarba ix-xogħol qalgħu il-KLĦS, għandu jħallsu hu. Francis Callus ssuġġerixxa li nistaqsu lil din il-kumpanija liema *point* kienet bil-ħsara. Madankollu Dorianne Zammit qalet li kull ma' kien hemm ħażin huma xi *settings* li possibilment tħarbbtu b'kurrent elettriku li jew inqata' jew tbaxxa. Dwar dan tkellmu il-Viċi Sindku, Eddie Bonello kif ukoll Jimmy Busuttil u kien deċiż li dan il-kont ma jitħallasx u fil-futur jekk terġa' ddoqq l-alarm għandna nċemplu lil Kap ta' l-Iskola.

15. Dwar il-**proposta li saret lil *Safi Southsiders*** mill-KLĦS, intqal illi l-uffiċċju kien infurmat li dawn għadhom ma' ħadux id-deċiżjoni jekk hux se jilqgħu il-proposta tagħna jew le. Il-każ qed jibqa' jkun segwit mill-uffiċċju ħalli ma jintilifx introjtu mill-*pitch* sintetiku.

16. Dwar il-konkorrenza mir-residenti tagħna fil-kampanja tat-tlugħ tal-bnadar fuq il-bjut fil-ġranet 11-13 ta' Settembru, fil-**festa tal- bnadar,** fuq l-inizjattiva tas-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu u dik tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu u l-Konsultazzjoni Pubblika, sfortunatament il-KLĦS mhux sodisfatt. Dan minkejja l-kampanja pubbliċitarja li għamel billi qassam il-posters hu stess lil dawk il-persuni li għandhom arblu fuq il-bejt u li setgħu ikkontribwew f'din l-inizjattiva.

17. Reġgħet issemmiet il-proposta tal-Viċi Sindku illi **jinqalgħu it-tabelli** tal-*One Way* quddiem il-MUSEUM biex jagħmlu wisa' għall-żvilupp li se jsir kif propost fil-laqgħa preċedenti. Hawn intqal illi dan ix-xogħol fil-fatt sar mill-KLĦS.

18. Id-DSE ta kopja ta' **rendikont** li ġabar mill-kotba (accounts) tal-KLĦS dwar is-sistema ta' l-**infurzar tal-liġi** minn kemm ilu DSE jagħti kontribut fil-KLĦS sa Ġunju, 2009, jiġifieri l-aħħar kont li bagħat l-uffiċjal awtorizzat tal-Kumitat Konġunt. Dan ir-rendikont, fuq talba ta' Jimmy Busuttil, jagħti stampa ċara li l-KLĦS mhux qed jitlef peress li kien hemm €1,000 qliegħ fuq perjodu ta' tmien xhur.

19. Dwar l-ingaġġ ta' **Segretarju Eżekuttiv fil-KLĦS,** wara li d-DSE staqsa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk nistgħux ningaġġawh *part time* flok *full time* minħabba li nqabżet il-kwota tar-residenti Ħal Safin b'għoxrin ruħ, ir-risposta kienet fin-negattiv. L-istess Assistent Direttur fil-*Field Services Branch* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, reġa' kitbilna lura u qalilna illi se tingħata konċessjoni li l-KLĦS jingaġġa wieħed fuq kuntratt ta' sena *part-time.* Dan sar wara li kellhom diskursata flimkien is-Sindku u is-Sur James Catania. Din l-ittra inqrat mid-DSE għall-benefiċċju tal-kunsillieri u s'issa l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ bagħtet l-ismijiet ta' żewġ persuni minn fuq ir-reġistri tagħha biex dawn jibgħatu is-CV tagħhom. Infatti diġa' irċevejna dik ta' Dr Noel Calleja. Intant fil-jiem li ġejjin se nieħdu parir kif għandna nsegwu dan kollu billi saħansitra naraw jekk hemmx xi SE mill-Kunsilli Lokali l-oħra li jixtiequ jimlew dan il-post vakant.

20. Dwar il-każ ta' l-**Eks Segretarju Eżekuttiv,** is-Sindku informa lill-kunsillieri li Dr Cherret għamlet *draft* ta' dan il-propost kuntratt bejn il-KLĦS u Jason Cutajar. Peress li n-Nutar Mary Camilleri Cutajar kienet indisposta għal xi jiem, dan dam xi ftit ma kien f'idejha. S'issa ma sar l-ebda kuntratt u sal-llum stess is-Sindku u d-DSE kienu lesti li f'każ ma jkun hemm l-ebda impediment ieħor, dan isir minnufih. Pietru Pawl Busuttil qal li jidher li Jason Cutajar huwa disponibbli li jaċċetta dan il-kuntratt u huwa kunfidenti li dan se jseħħ iminentement. Dan il-kuntratt kien moqri mis-Sindku u spjega xi dettalji fih dwar l-ipoteka li ħass li kellhom jissemmew f'din il-laqgħa.

21. Dwar il-kont tal-***paving blocks,*** li nġieb quddiem il-KLĦS fis-seduta preċedenti, kien hemm diskussjoni dwar kif wieħed għandu jassigura ruħu mill-korrettezza tal-kontijiet li jiġu quddiem il-Kunsill. Dan għaliex jidher li l-kont ta' Polidano Bros inħadem fuq rata li kienet bil-metraġġ u mhux bil-waħda. Il-kont kien korrett skond id-DSE iżda l-*paving blocks* peress li ma kienux ċertifikati mill-perit, għaliex dan kien xiri ta' materjal u mhux ta' servizzi, kien jesiġi li jkun verifikat ta' l-inqas minn persuna li tagħmilha ta' *store keeper* ġaladarba dawn inżammu fl-imħażen tal-Kunsill. Hawn Jimmy Busuttil qal li jixtieq aktar serjeta' f'dan l-aspett u semma' kont li kien tressaq fi ħdan il-KLĦS doppju f'ċirkustanza oħra diversi xhur ilu, li imbgħad ukoll kien miżmum ic-*cheque* mis-Sindku qabel ma ħareġ.

22. Issemmew **żewġ lampi tat-toroq fuq arbli qalb l-għelieqi fil-Ħlantun**. Is-Sindku qal li sakemm jibqa' miftuħ l-istaġun tal-kaċċa mhux se nagħmlu tiswija tagħhom peress li dawn sparaw fuqhom il-kaċċaturi b'vendikazzjoni. Publius Abdilla ssuġġerixxa li sadanittant għandna nwaħħlu tabella magħhom fejn nesprimu r-raġunijiet tagħna għal dan kollu.

**KORRISPONDENZA**

23. Id-DSE qara l-istedina li saret lis-Sindki biex jiltaqgħu nhar it-22 ta' Settembru, 2009 ġewwa l-Kunsill Lokali Birkirkara fil-preżenza ta' l-Onor Dr Chris Said biex ikun

diskuss is-suġġett tar-rati l-ġodda li se jkunu imposti fuq il-Kunsilli Lokali biex il-**kollettur ta' l-iskart jiddisponi mill-iskart** li jinġabar fir-raħal. Din il-laqgħa kienet imsejħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dwar dan l-aspett intqal li Kunsill possibilment jista' jirnexxilu jiffranka parti minn dawn il-flejjes jekk jikkonvinċi aktar nies jisseparaw aktar, ħalli jonqos it-tunnellaġġ ta' skart organiku f'rimi fil-landfill fl-Għallis.

24. Korrispondenza oħra li nqalgħet u li inqraw partijiet minnha, kienet dik ta' Charmaine Elshout, tal-Kulleġġ San Benedittu, fejn stiednet lill-kunsill jipparteċipa f'**diskussjoni** u billi jagħti l-**kontribut tiegħu fl-*assembly*** ta' l-istess kulleġġ, għall-benefiċċju tat-tfal li jattendu hemm.

**25.** Mill-korrispondenza inqalgħet l-*acknowledgement* ta' l-amendi li daħlu fi ħdan il-MEPA mill-Perit Musumeci għan-nom tal-KLĦS dwar l-***embellishment* ta' Misraħ San Ġużepp.**

26. Ittra oħra mill-MEPA kienet impoġġija għall-attenzjoni tal-KLĦS dwar il-**proġett** l-ieħor tal-KLĦS, fi **Triq San Ġwann**. Dwar dan infatti irċevejna wkoll korrispondenza mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Dawn qed jesiġu li ssir skema ta' **mmaniġjar aħjar tat-traffiku**, liema suġġett ukoll kien elenkat fl-agenda ta' din il-laqgħa. Il-KLĦS jinħtieġ aktar għajnuna u direzzjoni mill-perit tagħna peress li daħlu fid-dettall dwar dak li jinħtieġ li jiġi emendat biex il-proġett tal-Kunsill jagħmel aktar sens mill-aspett tat-traffiku f'din il-*junction* importanti.

27. **Offerta oħra mill-*Malta International Airport*** kienet sabiex il-Kunsill jara jekk għandux min jista' jerġa jagħmel użu minn siġġijiet li qed jinbidlu fl-ajruport internazzjonali ta' Malta. Dawn is-siġġijiet tal-*plastic* fuq qafas tal-ħadid se jkunu offruti lis-Soċjeta' tad-Dutrina Kristjana (MUSEUM) fil-jiem li ġejjin, mill-KLĦS.

28. Inqalgħu mill-korrospondenza il-**permessi tal-MEPA** numri PA3587 ta' fuq Anthony Attard li jixtieq jagħmel xi tibdil intern fuq żewġ ħwienet (klassi 4) fir-raħal u dik PA2527/09 ta' bdil ta' użu minn *garages* għall-*clinic* u uffiċċju (klassi *5)* ta' Ray Cutajar, rispettivament.

29. Inkitbet *e-mail* lill-uffiċċju tal-*Customer Care* tal-Korporazzjoni Enemalta biex ikun verifikat jekk ir-rati tal-**bejgħ** permezz ta' pannelli photovoltaic u x-**xiri** normali **ta' elettriku** mill-grid, humiex l-istess. Dwar dan qed nistennew risposta. Dan biex jiggwida lill-KLĦS fil-proġett ta' tpoġġija ta' pannelli fuq il-bejt ta' l-uffiċċju.

30. Se tintbgħat risposta lil ***Jf Security*** dwar **kontravenzjonijiet** li tħallsu mill-Kunsill Lokali Ħal Safi li huma **relatati mal-*litter.*** Huma qed jistaqsu għaliex il-KLĦS kien naqqsilhom ammont żgħir minnhom li fil-fatt kien ħadhom il-BOV *f'bank charges* meta kienu ddepożitati.

31. Se ssir talba lill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) għall-linji sofor tat-traffiku biex tkun eliminata problema ħalli ma jkunx hemm **ostakolu għat-traffiku fi Triq San Pawl viċin l-għassa tal-pulizija**. Is-sit fih madwar tmien piedi kollox u meta jkun hemm ipparkjat xi ħadd, il-karozzi tal-linja ma jkunux jistgħu iduru. Hawn kien hemm min għamel l-osservanza li l-pulizija u l-gwardjani lokali, għalhekk

qiegħdin hemm, jiġifieri biex iwissu lil dawn it-talin ħalli jneħħu l-vetturi li jkunu qed jostakolaw. Madankollu xorta se naraw il-fehma ta' l-ADT dwar dan l-aspett.

32. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets*** **numri 30 u 31.**

33. Kien diskuss il-**kont 580 ta' Polidano Bros** datat 17 ta' Settembru, 2009 li jammonta għal €6,166 f'manutenzjoni f'diversi toroq, €6,400 f'*surfacing* fl-iSqaq tal-Karwija parti I u dak ta' €14,718 ta' parti II. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ġie sodisfaċenti u bih eliminajna problema kbira ta' ilma tax-xita li issa se jmur kollu għall-irrigazzjoni tar-raba. Hawn Publius Abdilla qal li s'issa it-toqob għadhom mhux minfudin biex jidħol l-ilma fihom. Madankollu il-kunsillieri Jimmy Busuttil u Eddie Bonello qalu li l-ammonti tat-tieni parti huma kbar ħafna minkejja li huma kienu taw il-*go-ahead* minn fuq it-telefon lis-Sindku meta ċemplilhom u qallhom bil-proposta tiegħu biex issir din it-tieni parti. Infatti huma qalu li dan kollu imissu kien bil-miktub u mhux sar informalment. Hawn Francis Callus qal li allura kien aktar jaqbel li jitħallas €34,940 għall-isqaq kollu u l-ammonti jinqasmu matul is-snin kif kien propost fi ħdan l-istess KLĦS fis-seduti preċedenti. Intant il-KLĦS approva €13,000 biex jingħataw bħala interim payment lill-kuntrattur u l-KLĦS qed jistenna r-rapport tal-perit biex jiċċertifika x-xogħol.

34. Fi tmiem is-seduta Jimmy Busuttil ippropona li jsiru bir-*road marking* **żewġ *parking bays* fi Triq Dun Karm Vella** fejn din tagħlaq. Il-KLĦS approva li jsir dan ix-xogħol li hu antiċipat li jsir fi ftit jiem oħra.

35. Il-laqgħa **spiċċat fil-10.00pm** u l-KLĦS se jiltaqa' fl-1 ta Ottubru, 2009.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 1/10/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku